# IL-LUM

## ( LILL-KWIEKEB )

O kwiekeb tas-smewwiet, jien naf li rajtu
Għamil aħrax fil-ġrajja tal-bnedmin,
U rgħextu meta Abel ħallasha b'ħajtu
L-għira miġnuna minn ta' ħuh Kajjin;

U nstartu wara sħab iswed, għax stħajtu
Meta slaten qattiela w ħallelin
Ħammru xmajjar bid-demm u n-nisa għajtu
Għajjat ta' ħasra fuq il-maqtulin:

Iżda jien naħseb illi qatt kefrija
Hekk ħarxa u bierda, hekk melliesa w ħajna
Ma dehret bħal tal-lum qalb ġnus jew bhejjem;

U ma nistagħġeb xejn jekk imbikkija,
Għajnejn sbieħ tas-smewwiet, fil-għajb ta' wrajna
Tingħalqu u tibqgħu magħluqin għal dejjem.

DUN KARM.

Novembru, 1941.